# NOSTALĠIJA

## IT-TIENI GWERRA DINJIJA

### Tifkira ta' swied il-qalb, biża u mwiet

Kav. Joseph Said O.S.J.



Waqt li kull tant ninsa x'kilt il-bieraħ, ħafna mill-ġrajjiet li seħħew matul ħajti għadni niftkarhom qisu l-bieraħ u għandi stampa ċara ta' dak li ġara matul l-ewwel ġurnata ta' meta l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra.

Għalkemm għaddew sebgħin sena minn dak il-jum disgrazzjat sal-lum, minn dejjem kont ninteressa ruħi minn dak kollu li kien jiġri madwari u meta nitkellem fuq xi ġrajja partikulari, bla ma rrid, moħħi jmur lura f'dik il-ġurnata ta' flaġell li waqa' fuqna fl-10 ta' ġunju 1940.

Mit-3 ta' Settembru 1939, il-gwerra barra minn xtutna kienet fl-eqqel tagħha. L-eżerċtu Ġermaniż, li mingħajr dubju kien armat sa snienu, beda jiknes bla ħniena minn kull fejn jgħaddi u pajjiż wara l-ieħor fl-Ewropa waqaċ taħt it-takkuna tal-armata nażista, immexxija mid-Dittatur supperv Adolf Hitler.

Il-biċċa l-kbira tal-poplu qatt ma basar li l-Italja għad tiddikjara gwerra kontra l-Ingilterra, billi kienu jemmnu li l-ħbiberija li kienet teżisti bejn dawn iż-żewġ pajjiżi, li kienet ilha ġejja minn żmien Cavour u Garibaldi, ma kenitx se tiddgħajjef kif ġieb u laħaq. Kienet ħbiberija soda u ta' min joqgħod fuqha. Kemm il-poplu Ingliż kif ukoll l-awtoritajiet Ingliżi kienu tal-fehma li kien diffiċli ħafna li l-Italja tagħmel dan il-pass żbaljat biex tasal li tiddikjara gwerra kontra pajjiż li kien ħabib ta' veru minn żmien żemżem. Kulħadd kien jixtieq li gwaj bħal dan ma jasal qatt. Tant kien hemm rieda tajba minn xi wħud u dawn kienu ħafna, li saħansitra awtoritajiet kbar Taljani kienu ta' l-istess fehma li dan ma jiġrix. Fost dawn l-awtoritajiet Taljani, li kellhom setgħa kbira, kien hemm il-Conti Galeazzo Ciano, ħaten Mussolini u Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Italja, u miegħu kien hemm il-Marixxal Rudolfo Graziani, Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Italja, li ħadmu kemm felħu biex l-Italja ma tiddikjarax gwerra kontra l-Ingilterra. Dawn iż-żewġ personaġġi kbar stqarrew pubblikament, fid-Djarji tagħhom, li kienu kontra li l-Italja tidħol fi gwerra kontra l-Ingilterra. Graziani stqarr li l-Italja ma kinitx ppreparata militarment biex tiddikjara gwerra. Dan stqarru bħala Kap Kmandant tal-Forzi Armati kollha tal-Italja. Altru li kien jaf x'inhu jgħid! Min-naħa l-oħra, il-Conti Ciano, bħala Ministru responsabbli tal-Affarijiet Barranin tal-Italja, fl-ittra li kien kiteb lil Winston Churchill fit-23 ta' Settemru, 1943, jumejn biss qabel ma ġie xkubettjat fuq ordni ta' Mussolini nnifsu, kien esprima dan li ġej: "Jien qatt ma kont kompliċi ma' Mussolini fid-delitt li għamel kontra pajjiżi u kontra l-umanità, dak, li jiġġieled spalla ma' spalla mal-ġermanizi. Fil-fatt (kompla Ciano), l-oppost hu l-verità.

L-Alleati (Franza, l-Ingilterra u l-Amerika) ħadmu fuq li ħadmu biex ma jħallux il-gwerra teskala. Sadanitant, l-Italja, immexxija mid-Dittatur Faxxista Benito Mussolini, kienet baqgħet gallarija. Mingħajr dubju, kienet qiegħda turi simpatija lejn il-ġermanja Nażista. Madanakollu, qabel ma l-Italja daħlet fil-gwerra, saru ħafna tentattivi min-naħa tal-Alleati. Franza, permezz tal-Prim Ministru tagħha, issuġġeriet li ċċedi xi territorji minn tagħha li kellha fl-Afrika ta' Fuq, bħalma kienet it-Tuneżija jew xi territorju Franċiż ieħor, waqt li ssuġġeriet li l-Ingilterra ċċedi il-gżira ta' ġibiltà jew il-Kanal tas-Swejż. Imma Churchill assolutament ma qabilx maċ dawn is-suġġerimenti għax ma kienx tal-fehma li għandu jċedi xi territorju fil-Mediterran lil Mussolini, li aktarx kien jirregala lil Hitler, jekk xi darba l-Ingilterra titlef il-gwerra.

Sakemm l-Italja daħlet fil-gwerra, fin-Nadur u fi kwalunkwe post ieħor f'Malta u Għawdex, tajjeb jew ħażin konna għaddejjin. Kull raħal, min ħafna u min ftit, kellu l-ħtiġijiet tiegħu. Mingħajr dubju imma, kulħadd kellu l-esperjenzi tal-għaks, tal-ġuħ, tas-sofferenzi u tal-imwiet, tas-sagrifiċċji u tal-morr li ġġib il-gwerra. Il-preparamenti min-naħa tal-Gvern ma naqsux. Bdew jitqassmu l-maskri tal-gass u t-tagħlim kif dawn jintużaw jekk ikun hemm bżonn. Ġie ordnat il-blackout u l-curfew. Fil-blackout ħadd ma kien jista' jħalli dawl jidher minn barra waqt li fil-curfew ħadd ma kien jistaċ joħroġ barra f'ċerti ħinijiet. Il-preparamenti kienu dejjem sejrin u kull ma jmur dejjem jiżdiedu. It-tagħlim ta' kif nistkennu mill-bombi u tagħlim ieħor ma waqaf qatt.

Il-poplu tan-Nadur, kif ukoll ta' band'oħra, bdew jaħżnu għal dak li jistaċ jinqalaċ. Bdew jixtru l-affarijiet l-aktar essenzjali u l-aktar bżonjużi. Kulħadd kien beda jrekken dak li kellu, u jixtri minn dak li ma kellux biex, x'ħin ifittex, isib. Id-dqiq, iz-zokkor, iż-żejt, il-pitrolju, is-sapun, sulfarini u l-affarijiet oħra tal-ikel għebu malajr mill-ħwienet. Min ħaseb kmieni, rekken u ħażen kemm felaħ. Min kellu l-flus xtara fuq li xtara, anke bi prezzijiet għoljin. Min ma kienx iħallas qabel, ma kien isib xejn. Allura wieħed jistaċ jaħseb kemm bata bil-ġuħ il-fqir. Dan kien għadu mhu xejn. Il-kbir kien għadu ġej. Konna għadna fil-bidu u diġà kienet bdiet tidher l-iskarzessa li ġabu n-nies stess. Il-poplu ta' Malta u Għawdex li għex fil-gwerra mit-3 ta' Settembru 1939 sa lejlet id-dikjarazzjoni tal-gwerra aktar fil-qrib tagħna, kien, tajjeb jew ħażin, għaddej ħarir, minkejja l-fatt tal-ansjetà, tal-gwaj li kien għadu ma wasalx.

Xi ftit jiem qabel ma l-Italja daħlet fil-gwerra, kienet teżisti tensjoni kbira, b'mod speċjali fost dawk li kienu jafu aktar mill-qrib b'dak kollu li kien qiegħed jinħema. Il-mexxejja ta' dawn il-gżejjer, għad li kienu jafu b'kollox x'sa jiġri fil-ġranet ta' wara, kienu jżommu silenzju perfett, biex ma jallarmawx lill-poplu. Il-mument kiefer kien kulma jmur qed joqrob lejna bil-ħeffa. Konna nafu minn xhiex għaddejna f'dawn l-ewwel xhur tal-gwerra, imma ma konniex nafu x'kien ġej għalina fil-ġranet li ġejjin.

Minkejja dan kollu, ħafna kienu jħossu u jinnotaw....li l-atmosfera u l-ħajja ta' dak il-jum straordinarju....kienet aktar tensa u ta' swied il-qalb minn ġranet oħra....Kif jgħidu 'il-qalb teħber'. Kien jum ta' dwejjaq għal ħafna nies, mingħajr ma dawn l-imsejkna ma kienu jafu għaliex dawn id-dwejjaq tal-mewt ġew fuqhom għal għarrieda.

### IT-TNEJN, 10 TA' ĠUNJU 1940

Lejlet l-ewwel attakki fuq Malta mill-ajruplani Taljani kienet ġurnata komuni. Bi swied il-qalb, wieħed dejjem jistenna... dejjem imwerwer...dejjem imħasseb, qatt ma jaf x'hemm lest għalih...dejjem sejrin mill-ħażin għall-agħar. Imma bħalma għedt, wieħed kien iħoss u jinnota... li l-ħajja, f'dik il-ġurnata

partikulari, kienet aktar tensa minn ġranet oħra... . Wasal il-lejl... dawk il-ftit li kienu jisimgħu r-radju kienu diġà jafu....

Bħal f'kull post ieħor ta' Malta u Għawdex, anke fin-Nadur kien hemm nies li raqdu b'moħħhom mistrieħ, billi ma kinux jafu x'kien ġara ftit tas-sigħat qabel... ma kinux jafu li d-Duce, id-Dittatur Faxxista Benito Mussolini, fis-sitta ta' filgħaxija, quddiem poplu numeruż, mimli ħdura u japplawdi għad-diskors ta' Mussolini, ħabbrilhom li l-Italja tqis lilha innfisha fil-gwerra mal-Ingilterra b'effett min-nofs il-lejl ta' dan il-jum. Ma kinux jafu l-Maltin u l-Għawdxin, li waqt li rashom kienet fuq l-imħadda, f'dak il-ħin stess, l-ajruplani Taljani kienu jgħabbu l-bombi qerrieda tagħhom fi Sqallija... ftit 'il bogħod minna... biex jitfgħuhom fuqna....u miskin kien min kellu jinqered bihom.

Fin-Nadur, fost il-ftit li kienu jafu b'dan il-gwaj qerriedi, kien hemm Franġisku Buttigieg, ex-għalliem u organista tal-knisja tan-Nadur. Dan Franġisku... xwejjaħ bil-pipa tal-ġibs (li dakinhar kienet komuni), li bilkemm seta' jżomm f'ħalqu minħabba r-rogħda f'xufftejh, b'ġismu jitriegħed minn fuq s-isfel, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh, bin-nuċċali tal-metall abjad ileqq u bil-ħġieġ imtappan, minħabba l-attakk tal-biżaċ li kellu fuqu, daqsxejn inklinat minħabba t-toqol ta' żmienu, sura li tqanqallek rispett u simpatija, kien diġà beda jirrakkonta dak li semaċ f'dik il-lejla. Ħafna li semgħu dan ma tantx riedu jniżżluha, u tant kienu xettiċi, li għalihom qisu ma ġara xejn. Xi wħud qalu li din qlajja minn tas-soltu, għal dakinhar. B'mod speċjali, kulħadd kien bl-imħatra li jaqlaċ xi ħaġa. Il-qlajjiet kienu fl-aqwa tagħhom... kienu l-ordni tal-ġurnata.

**IT-TLIETA, 11 TA' ĠUNJU 1940**

Sebaħ il-jum tat-Tlieta, 11 ta' Ġunju. Jum sajfi li bħalu issib biss f'Malta, meta kmieni filgħodu, x'ħin ix-xemx bdiet tidher mill-orizzont, u l-għasafar kienu bħas-soltu isellmu dik l-għodwa sajfija bit-tisfir ħelu tagħhom, ħafna mill-poplu kien għadu ma jafx b'dak kollu li kien għadu kemm ġara...li l-Italja kienet iddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra... u l-anqas kien jaf li b'hekk l-Gżejjer tagħna kienu jistennew flaġell mill-aktar kbir. Kienu sewwa sew is-sebgħa nieqes kwart ta' filgħodu meta n-nies miġbura ġo darhom, oħrajn fil-knisja, waqt li oħrajn kienu fi triqthom lejn ix-xogħol....kulħadd inħasad, x'ħin f'daqqa waħda, instemgħu t-tiri tal-maskli mill-għassa tal-pulizija. Dawk li kienu ġewwa malajr ħarġu biex jaraw x'ġara. Dan kien sinjal ta' ħbit mill-ajru.. Dak li kien ilna nistennew wasal ħin bla waqt.

Kien hemm paniku u konfużjoni u fixla ma' kullimkien...Kulħadd jgħid u jqasqas. F'daqqa waħda kulħadd iċċassa lejn is-sema kaħlani, fejn 'il fuq, 'il fuq, intlemħu seba' tikek suwed għaddejjin minn fuq in-Nadur. Kienu l-ewwel ajruplani li jġorru l-bombi (bombers) tat-tip Caproni u Savia Marchetti, li ġew iżuruna kmieni kmieni biex jagħtuna r-rigali tagħhom...il-bombi qerrieda li tefgħu fuq Malta fi ftit minuti.

It-tregħid tal-bombi li ntefgħu, flimkien mat-tfaqqigħ tal-balal tal-kanuni tagħna, li fetħu barrage qawwi fuq l-ajruplani tal-għadu, kienu jinstemgħu sewwa fin-Nadur u dan kien il-kaġun li qajjem dan il-paniku u ġab dik il-konfużjoni u biża kbir. Kulħadd jiġri... ma jafx x'se jaqbad jagħmel...ma jafx fejn se jaqbad imur biex jistkenn...kulħadd mifxul...oħrajn jibku u jitolbu. Wieħed ma kienx jara ħlief diżordni. Kien kwadru ta' qsim il-qalb. Nies jġru 'l hawn u 'l hemm. Ġenn liema bħalu...Min inzerta bil-karettun u l-bhima, irħielha bil-lbit, mingħajr ma jaf fejn sejjer biex idabbar rasu. Tfal jibku u jgħajtu lil ommhom. Kienet dehra li tkexkex... dehra li tibqa' msammra f'moħħok.

Kien il-ħin tal-venda għar-Rabat...il-ftit xarabanks li kien hemm, Alla m'għamilhom. Kien hemm min pprova jagħmel il-kuraġġ lil dawk imbeżżaċ, imma dan kien kollu għalxejn. Tant kien kbir l-agħa u l-paniku li ħakem lin-nies tan- Nadur, l-istudenti min-Nadur stess, li kienu jistennew ix-xarabank fejn San ġużepp tal-Qala, qalu li l-għajjat tan-nies tan-Nadur kien jinstemaċ sew minn hemm.

F'wieħed mill-attakki li kienu saru dakinhar wara nofsinhar, il-fortizzi tal-Madliena u s-Salina fetħu n-nar u kien hemm barrage mill-aqwa fuq il-bombers Taljani. Il-biċċa l-kbira tan-nies tan-Nadur kienu jitilgħu fuq il-bjut waqt xi air raid fuq Malta (avolja dan ma setax isir). Dan kien kontra dak li kienu jgħidulna biex waqt xi air raid ma noħorġux. In-nies ma kinitx taf f'liema periklu kienet. Minn fuq il-bjut tagħna konna naraw ċapap fis-sema u ħafna minna, għall-bidu, konna naħsbuhom li kienu ajruplani, billi dawn kienu jkunu tant fil-għoli, li donnhom tikek suwed fis-sema. Imma wara ntbaħna li dawn it-tikek kienu jkunu d-daħna tal-balal tal-kanuni, li kienu jisplodu fejn kien hemm l-ajruplani tal-għadu.

Billi l-fortizzi li semmejt kienu jiġu n-naħa tat-tramuntana ta' Malta li tħares lejn Għawdex, il-balal tal-kanuni tagħna bdew jisplodu fuq Kemmuna, li kważi kienet tiġi qrib u taħt in-Nadur. Id-duħħan tal-balal kien donnu trab abjad, li deher qishom paraxuts minn dak il-għoli ta' xi 8,000 pied. Waqt dan l-air raid partikulari, Ċensu ta' Gerita, ex-pulizija, raġel imdaqqas u mdaħħal fiż-żmien, kien fuq il-bejt tad-dar tiegħu fi Triq il-Kappillan, biex jara x'qiegħed jiġri. X'ħin Ċensu ra dak it-trab abjad tal-balal tal-kanuni, ħasibhom paraxuts, bħalma donnhom kienu jidhru, u bħalma fl-aħħar mill-aħħar ħasbuhom ħafna nies oħra. Ċensu ħaseb li t-Taljani kienu neżlin fuq Malta bil-paraxuts. Dan l-imsejken bniedem twerwer. Niżel jgħaġġel minn fuq il-bejt, ħareġ jiġri fit-triq u erħielha lejn Triq Xandriku, jgħajjat kemm jiflaħ b'mod li ħadd ma seta jżommu. X'ħin in-nies ta' dawk l-inħawi u ta' madwar il-knisja li nzertaw barra jitkellmu ma' Dun Martin Camilleri, raw lil Ċensu għaddej traxnat jgħajjat 'Neżlin bil-paraxut, neżlin bil-paraxut', daħlu malajr f'darhom u ssakkru ġewwa. Anke Dun Martin, x'ħin ra hekk, mingħajr kliem, għamel l-istess. Ċensu, imwerwer bil-biżaċ kif kien, baqaċ sejjer jgħajjat. Daħal fil-ħanut ta' ġużepp Buttigieg (tal-Perempju), fejn fuq il-bejt kien hemm l-istess ġużepp, sid il-ħanut, ġanni Falzon (Ta' Kajżola) u l-ħabib li kelli Tony Formosa, li wara mar l-Amerika, u kellu karriera militari eċċellenti u ġie mogħti l-Bronze Star Meal u Citation li takkompanja dan l-unur mill-President tal-Amerika għall-qadi ta' dmirijietu fil-gwerra tal-Vietnam. Dawn it-tlieta kienu qegħdin jaraw l-air raid fuq Malta minn fuq il-bejt. Ċensu telaċ fejhom u reġaċ beda jgħajjat u jurihom b'idejh lejn fejn mingħalih kienu neżlin bil-paraxut. Ġanni pprova jikkalmah billi qallu u fissirlu li dak id-duħħan abjad li kien qiegħed jara kien duħħan tal-balal tal-kanuni tagħna u mhux paraxuts. Wara ħafna taħbit, Ċensu fl-aħħar fehem u kkalma.

F'dan l-ewwel jum tal-gwerra li fih daħlet l-Italja, l-ajruplani Taljani ġew iżuruna disa' darbiet u fl-aħħar air raid, li kien l-akbar wieħed għal dak il-jum, kien għal xi s-sebgħa ta' filgħaxija. F'dawn l-ewwel attakki saret ħafna ħsara f'ħafna postijiet f'Malta u mietu xi suldati fuq il-kanuni, kif ukoll xi pajżana. Niftakar li dawk il-ħaddiema li ġew minn Malta qalu li l-kanuni tagħna kienu waqqgħu ajruplan Taljan. Għall-ewwel ġranet, aħna konna nisimgħu x'ġara, permezz ta' dawk li kienu jiġu minn Malta. Il-Gvern, bħal kull gvern ieħor, minħabba s-sigurtà ma kienx jgħid dak kollu li ġara: waħda biex ma jallarmax lill-poplu u l-oħra biex l-għadu jibqaċ fil-għama tal-ħsarat li kienu jiġru.